MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru. 336/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Liza Pace ta' 35 sena bint Generoso Grima u Myrtle Francis nee` Evans imwielda Pieta` fis-6 ta' Mejju 1975 u toqghod 47, Triq C. Dimech Debono, Birkirkara detentrici tal-karta ta' l-identita numru 302775M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli fil-25 t'Ottubru 2010 ghal habta ta' 4am qabel f'Rahal Gdid, u fil-Marsa:

1. Ikkommettiet serq ta' 480 ewro u dokumenti (HSBC card, card tal-pulizija tal-Immigrazzjoni u karta tal-identita`) ghad-dannu ta' Hassan Muhamed Abubakar

miz-Zurrieq, liem serq huwa aggravat bil-vjolenza, valur u hin.

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Hassan Muhammed Abubakar miz-Zurrieq, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew bie xpersuna ohra tkun imgieghla taghmle xi trasferiment ta' hwejjigha
4 Talli fl-istess cirkustanzi hebbejt ghal Hassan Muhamed Abubakar miz-Zurrieq sabiex tignurjah, iddejqu jew taghmillu hara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht id-disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

5. U b'hekk ikkommettejt reat li ghalih hemm kontemplat prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mala datata 22 ta' Frar 2010

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Hasan Muhamed Abubakar miz-Zurrieq u tapplika l-provedimenti ta' Art. 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija

maghmulha mill-imputata, il-fatt illi qed tistenna tarbija u qed issegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, kif xehdet Jean Cali rapprezentanta tal-CARITAS u ghalhekk piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 42(d), 86, 87(e), 261(a)(c )(f), 262, 267, 270, 274(d), 275, 277(c), 279(a) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjoni illi hija tibqa' issegwi il-programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti wara li rat l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed testendi s-sentenza sospiza ta' erba' (4) xhur prigunerija moghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament preseduta tat-22 ta' Frar, 2010, ghal zmien tlett (3) snin li jibdew jikkekorru mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huma jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqhom f'din l-ordni jew jekk huma jonqsu milli jsegwi xi ordni mghotija lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

Inoltre l-Qorti qed twissi lil hatja bil-konsegwenzi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------